MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 120/1994/1

**Anthony u martu Margaret mizzewgin Turner u Jane Mary u Liliana ahwa Turner fil-kwalita` taghhom ta' eredi tal-mejta Carmen Turner**

**Vs**

**Francis Agius; u b'digriet ta' l-10 ta' Jannar, 1995, l-Avukat Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala rapprezentatrici tas-socjeta` assikuratrici General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc., intervjena fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Jannar, 1994, l-atturi ppremettew li huma l-eredi ta' Carmen Turner li mietet f'incident tat-traffiku fl-1 ta' Awissu, 1993, meta kienet riekba bhala passiggiera mal-konvenut li kien qed isuq il-Pick Up Morris numru K-7689 matul Triq San Pawl tal-Qlejja limiti tal-Mosta, mid-direzzjoni ta' l-Imgarr lejn il-Mosta; Illi dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut li bi traskuragni imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti baqa' diehel go arblu tad-dawl ta' l-Enemalta, u li mal-habta mietet Carmen Turner ta' sbatax-il sena. L-atturi talbu, prevja dikjarazzjoni li l-incident ta' l-1 ta' Awissu, 1993, gara unikament tort tal-konvenut, li l-istess konvenut jigi ikkundannat li jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala danni li huma sofrew bhala rizultat ta' dan l-incident. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Illi fin-Nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut issottometta li t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-pretensjonijiet taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident li gara fl-1 ta' Awissu, 1993, ma sehhx tort tieghu, u wkoll li fit-tieni lok u, bla pregudizzju ghas-suespost, l-atturi skond il-ligi Maltija ma sofrewx "damnum emergens" jew "lucrum cessans" bil-mewt ta' Carmen Turner. Salv eccezzjonijiet ohra.

**L-ECCEZZJONIJIET TA' L-INTERVENUT FIL-KAWZA**

3. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, l-intervenut fil-kawza, Dottor Louis Bianchi, issottometta illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija ta' l-assikurat tieghu, Francis Agius, izda gara minhabba cirkostanzi li l-istess Francis Agius ma kellux kontroll fuqhom u li anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument jigi pruvat li Francis Agius kellu xi tort jew htija ghall-incident in kwistjoni, l-istess ghandu jigi dikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti li

Carmen Turner kienet unikament responsabbli ghall-griehi li hija sofriet bhala konsegwenza ta' dan l-incident u li sfortunatament wasslu ghall-mewt taghha, u dana billi, kif ghandu jirrizulta, meta hi flimkien ma' Doreen Fenech talbu "lift" fil-vettura tal-konvenut, huma kienu jafu li kellhom bilfors ipoggu fuq xulxin f'"seat" wiehed fuq quddiem, flimkien mal-passiggier l-iehor li kien gia` hemm u cioe` Terry Sciberras, u li ghalhekk kienu ser ikunu tlieta min-nies fuq seat wiehed; illi l-fatt li Carmen Turner talbet u accettat li tirkeb fil-vettura tal-konvenut u tpoggi ma' zewg persuni ohra fuq "seat" wiehed fuq quddiem kien certament att negligenti da parti taghha billi hija poggiet ruhha f'posizzjoni vulnerabbli f'kaz ta' incident u li ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda a tenur tal-principju 'volenti non fit injuria'. Salv eccezzjonijiet ohra.

**IR-RELAZZJONIJIET PERITALI**

4. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'digriet ta' l-4 ta' Marzu, 1994, innominat bhala Perit Legali lill-kompjant Dr. Joseph Ciappara, u lil William Cassar Torregiani bhala espert mekkaniku.

5. Fir-rapport tieghu, l-espert mekkaniku kkonkluda illi ma kien hemm xejn x'jindika li l-incident kien kagun ta' xi difett mekkaniku fl-"steering", la fl-"istabilizer" jew fil-"bars" ta' "suspension" u li l-hsara li gralhom kienet konsegwenza ta' l-incident. Fisser ukoll, pero`, li l-vettura kienet fi stat deplorevoli u ma kienitx tajba ghal fuq it-Triq.

6. Fir-rapport tieghu, l-Perit Legali wara li rrizultalu mir-rapport ta' l-espert mekkaniku li l-vettura tal-konvenut kienet tinsab qabel l-incident f'kundizzjoni deplorevoli, u li kienet qed tinsaq bi speed eccessiv, wasal ghall-konkluzjoni illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-konvenut u llikwida d-danni, billi ha bhala bazi paga medja ta' Lm60.00c fil-gimgha ghal 30 sena u naqqas 'personal consumption' fl-ammont ta' zewg terzi ($^{2}/_{3}$) u dak li jissejjah 'dependency' fil-percentwal ta' 25%, u wasal ghas-somma ta' Lm18,720.00.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

7. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fis-17 ta’ Frar, 1998, iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici u kkonkludiet illi l-konvenut ghandu jwiegeb ghal hamsa u disghin fil-mija (95%) tad-danni minhabba l-mewt ta’ l-awtrici ta’ l-atturi; iddecidiet li d-danni li ghandu jwiegeb ghalihom il-konvenut huma ta’ wiehed u sebghin elf, mija u sitta u tletin Lira (Lm71,136.00) u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma flimkien ma’ l-imghaxijiet mit-28 ta’ Janar, 1994, meta kienetipprezentata c-citazzjoni. Bl-ispejjez maqsumin billi parti minn ghoxrin ($^{1}/_{20}$) jithallsu mill-attur u dsatax il-parti minn ghoxrin ($^{19}/_{20}$) jithallsu mill-konvenut.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

8. Il-konvenut Francis Agius hass ruhu aggravat b’din is-sentenza u ghalhekk interpona appella minnha fuq l-aggravju li gej:

**<u>Dwar Responsabilita`</u>**

L-Espert Mekkaniku fir-Rapport tieghu kkonferma illi l-vettura tal-konvenut kienet tat-tip “pick up” u li kienet limitata ghal persuna wahda, passiggier u xufier biss. Mal-konvenut bhala passiggier kien hemm Terry Sciberras u ghalhekk meta Doreen Fenech u Carmen Turner talbu li jirkbu fil-vettura tal-konvenut huma kienu jafu li kellhom ipoggu fuq hogor Terry Sciberras u ghalhekk kienu jafu jew misshom kienu jafu, li b’dana kien sejjer johloq periklu ghalihom aktar mis-soltu f’kaz ta’ incident.

L-Ewwel Qorti apprezzat dan il-fatt u kien proprju ghalhekk li hija attribwit 5% mit-tort lil Carmen Turner u b’hekk naqset 5% mid-danni. Fil-fehma ta’ l-esponent il-percentagg ta’ tort attribwit lil Carmen Turner huwa wiehed baxx hafna, billi b’dak li ghamlet, hija kkontribwiet ferm aktar ghal griehi serji li garbet li konsegwentement wasslu ghal mewt taghha. Dan il-grad ta’ kontribuzzjoni ta’ 5% hu wiehed negligibbli izda, in realta` kien wiehed iktar sinifikanti ghax juri nonkuranza assoluta ghal-inkolumita` taghha stess da parti ta’ Carmen Turner. Traskuragnijiet ta’ din ix-xorta da parti ta’ passiggier m’ghandhomx jitqiesu u jitharsu b’lenjenza (sic) jew

leggerezza, u l-Qorti ghandha taghti fir-rigward percentwali ta’ htija ferma aktar realistika.

Skond l-awtur Gibb meta jitkellem fuq il-principju ‘*volenti non fit injuria’* huwa jghid hekk:

*When a person expressly or impliedly takes the risk of being injured by operations negligently carried on, he has no action against the person responsible…”*

Ma hemmx dubju li Carmen Turner meta poggiet fuq zewg persuni ohra fis-seat ta’ quddiem, poggiet ruhha f’qaghda vulnerabbli f’kaz ta’ incident.

Carmen Turner ikkontribwit ukoll ghall-posizzjoni vulnerabbli taghha meta hija ma’ ghamlet xejn meta l-konvenut kien qed isuq bi speed. Skond ix-xhieda ta’ Doreen Fenech, il-konvenut ma kienx qed isuq bil-ghaqal sa minn hafna qabel l-incident. Dan huwa aspett li missu gie kkonsiderat mill-Ewwel Qorti.

Fix-xhieda taghha Doreen Fenech stqarret li kemm hi u kif ukoll lanqas Carmen Turner ma talbu lill-konvenut inaqqas l-ispeed. Doreen Fenech fix-xiehda taghha qalet jiena bzajt imma ma tkellimtx (Vide Fol. 75).

Dana kollu ifisser illi kien hemm xi forma ta’ approvazzjoni tacita da parti taghhom ghal mod li kien qed isuq il-konvenut. Carmen Turner assumiet l-imsemmi riskju ghax hija kellha kull opportunita` li tirrifjuta li tmur f’karozza meta ma kienx hemm post ghaliha, u anki meta marret ferm qabel ma sehh l-incident setghet titlob lill-esponenti jew li jnaqqas l-ispeed, jew li jwaqqaf il-vettura u nnizzillah. Kienet tkun haga facli kemm Carmen Turner u kemm ghal Doreen Fenech li jitolbu lill-konvenut li jaghmel hekk – biss huma ma ghamlu xejn nonostante dan is-sewqan sperikolat u l-posizzjoni vulnerabbli taghhom fil-karozza. L-Ewwel Qorti osservat dan il-punt, u kien ghalhekk li hija kkonkludiet illi Carmen Turner kellha tbati 5% ‘mit-tort’ – percentagg verament baxx meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll il-

gurisprudenza barranija u dak li ghandhom x’jghidu awturi barranin.

L-awtur Ingliz John M. Logan fil-ktieb tieghu **Briefcase of Tort Law (1995) jghid:**

*“If as a result of his contributory negligence, the plaintiff suffers greater injury that he otherwise would have sustained, then his entitlement to compensation should reflect that fact.”*

L-istess awtur jiccita kaz li deher quddiem il-Qorti ta’ l-Appel Ingliz – Queens Bench Division (**Froom vs Butcher** [1975] QB 286) fejn jghid hekk:

*“The Court of Appeal held that failure to wear a seat belt – not then a legal requirement – was contributory negligence. The question was, what was the cause of the accident? The damage was caused in part by the defendant’s bad driving and in part by the failure of the plaintiff to wear a seat belt – a prudent precaution. Where damages would have been prevented the Court of Appeal thought damages should be reduced by 25%.”*

L-awtur Ingliz Charlesworth fil-ktieb tieghu ‘The Law of Negligence’ meta jitkellem fuq il-principju ta’ *volenti non fit injuria* jelenka dawn il-principji:

*“The plaintiff does see a danger created by the negligence of the defendant, but decides to run the risk of it. If, after deciding to run it, he does not exercise reasonable care, he is guilty of contributory negligence and may be unable to recover on that ground.”*

L-istess awtur jghid:

*“A person who makes an agreement with another either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run.”*

Fil-kaz prezenti zgur ma jistax jinghad li kien hemm xi ftehim espress bejn Turner u l-esponenti, biss kien hemm xi ftehim tacitu ghax Turner kellha xjenza pjena tan-natura tar-riskju li kienet qed tassumi --- ix-xhieda ta' Doreen Fenech li qalet li l-ebda wahda minnhom ma talbu lill-esponenti biex isuq bil-ghaqal hija prova ta' dan. Il-fatt li kienu qed jibzghu hija prova li huma kienu jafu x'setgha kienu l-konsegwenzi. Il-fatt li skond Doreen Fenech huma (hija u Turner) kienu jafu *'xi kwalita` ta' vettura kellu ghaliex lilu* (il-konvenut) *konna nafuh minn zmien qabel – konna nafu li rridu noqghodu fis-seat ta' quddiem'* (vide P. 7 tar-Relazzjoni) – hija prova ohra tax-xjenza pjena li kellha Turner meta talbet lift mal-konvenut.

Apparti il-kriterju ta' xjenza pjena rrid jigi kkonsidrat fil-kuntest ta' '<u>reasonable care</u>'. Haga li Carmen Turner zgur ma kkonsidratx meta ddecidiet li tpoggi flimkien mal-habiba taghha, Doreen Fenech fuq hogor Terry Sciberras u meta indunat li l-esponent ma kienx qed isuq b'mod prudenti u bil-ghaqal. Carmen Turner kellha twiegeb ghal ferm aktar minn 5% - <u>Carmen Turner meta poggiet fuq hogor Terry Sciberras u meta halliet lill-konvenut isuq b'mod mhux bil-ghaqal, kienet taf x'riskju kien hemm involut u bl-agir taghha assumiet l-istess riskju</u>.

Fil-fehma ta' l-esponenti, il-vittma, Carmen Turner, volontarjament ikkontribwiet sostanzjalment ghal dak li gara u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghall-konkluzjoni li l-esponenti kellu jwiegeb ghal hamsa u disghin fil-mija tad-danni (95%).

**<u>Dwar il-likwidazzjoni tad-Danni</u>**

Minghajr pregudizzju ghal fatt li l-esponenti jhoss li Carmen Turner ikkontribwiet sostanzjalment ghall-mewt taghha, jixtieq jikkummenta dwar il-likwidazzjoni tad-danni partikolarment ghax l-Ewwel Qorti marret kontra dak kollu li tghid il-gurisprudenza Maltija u barranija f'dak li jirrigwarda tnaqqis kemm fuq id-'**dependency issue**' kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-**'konsum personali'**. Is-sentenza appellata flok applikat il-ligi Maltija li takkorda kumpens ghal danni <u>reali</u> (istitut li gie zviluppat u

interpretat b'gurisprudenza konsistenti – qabel gie disturbat b'xi 'ra avis' (sic) 'l hawn u 'l hinn) holqot li hi (sic) tiznatura l-kuncett ta' realta` ta' danni.

Bhala bazi tal-kalkoli taghhom, kemm tal-Perit Legali, kif ukoll ta' l-Ewwel Qorti ibbazaw il-multiplier fuq paga medja ta' Lm60.00 fil-gimgha (Turner kienet tahdem go fabbrika bil-paga minima) u dana ghal zmien tletin (30) sena (il-vittma kellha 17-il sena meta mietet).

Dwar il-"multiplier" ta' tletin sena, l-esponent jirrileva illi billi Carmen Turner kienet ghadha xebba, wiehed ma ghandux jistenna li ma kienitx sejra tizzewweg fi zmien futur (din hi kwistjoni fejn jidhol il-principju ta' *id quod plerumque accidit.* Dan il-principju u t-tabelli ta' statistika, ma jidhlux biss fejn nigu ha nkejlu "multiplier", u fejn tidhol il-hajja lavorattiva) u z-zwieg certament kien sejjer jaffettwa l-hajja lavorattiva taghha fir-rigward tal-familja taghha. Huwa zgur li l-eredi tal-mejta ma kienux sejrin jibbenefikaw mill-mejta taghha mill-introjtu taghha ta' tletin (30) sena.

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Xuereb vs Tarcisio Camilleri** (Appell – 30/3/1992), il-Qorti kkonkludiet illi fil-kaz ta' xebba ta' 24 sena, il-"multiplier" ikun ta' sitt (6) snin biss u cioe` sa' l-eta` ta' 30 sena (vide Pag. 17). Ma dana wiehed ukoll irid jikkonsidra dak li huwa maghruf bhala 'the possibilities and probabilities of life', u cioe` li tul dawn it-tletin sena Carmen Turner setghet mardet jew korriet bir-rizultat li kienet tieqaf mix-xoghol, jew anki ghal kawzi naturali bhal mewt prematura. Ghalhekk, fil-kaz in ezami l-esponenti huwa tal-fehma illi z-zmien ta' multiplier ghandu jigi ridott sostanzjalment. Meta tipprogetta ghall-futur tkun dhalt fl-incert. Il-"multiplier" gie applikat b'tant ghaqal mill-Qrati biex jigi stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti lesa u l-obbligu ta' l-obbligat. Imma ma jistax wiehed igib ruhu bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri! Dan huwa kamp fejn triq treggi l-moderazzjoni.

L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb maghruf taghhom '**The Quantum of Damages**' (vide Chap. ntitolat "Claims for Death of Adult Child") jghidu:

*"Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility, or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller."*

L-awtur Ingliz John Munkman – **Damages for Personal Injuries and Death** (7th. Ed.) Pag. 141 jghid:

*"… the court must take into account the possibility that the son or daughter will marry, and that the assistance provided will vanish or at least be reduced."*

L-istess awtur jghid illi l-prattika fl-Ingilterra wara 1982 meta gie emenda il-Fatal Accidents Act hija illi "*on the death of an unmarried son or daughter under 18 after 1982, the parents are entitled to a fixed sum for bereavment."*

L-Ewwel Qorti wkoll naqset milli tikkonsidra dak li huwa maghruf bhala the ***degree of dependency***. Il-Qrati taghha dejjem ikkonsidraw il-fatt illi l-mewt ta' missier ta' familja li jhalli warajh armla u tfal, li jistghu jkunu ukoll minuri, hi haga, waqt li l-mewt ta' tfajla ta' sbatax-il sena hi haga ohra.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-atturi stess ma avvanzaw l-ebda prova specifika dwar danni li huma sofrew bhala konsegwenza tal-mewt ta' Carmen Turner. Infatti lanqas ma gabu xi talba dwar "**damnum emergens**'. Kif gia` ntqal il-probabilita` hija li Carmen Turner kienet tizzewweg u b'hekk tinqata' ghal finijiet ta' successjoni min-naha taghha.

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi dejjem accettaw il-principju illi f'kaz ta' mewt ta' guvni jew xebba u partikolarment meta fil-mument tad-dizgrazzja l-atturi ma kienux jiddependu minn binhom ghandu jkun hemm tnaqqis sostanzjali meta jigu kkalkolati d-danni (kif fil-fatt ghamel il-Perit Legali). Dan it-tnaqqis, ghalkemm ma hemmx regoli fissi jew kriterji assoluti jigi generalment ikkalkolat fl-ammont ta' bejn 66% u 50% - vide Meli vs Cachia (Dec. 21/11/1994 – PA AJM) (Borg vs Psaila dec. 3/10/1994) (Mary Bugeja vs George Agius Dec. 26/7/1991) (Bartolo vs Attard PA 28/3/1983) (Caruana vs John Busuttil et (JF) PA 1/3/1985) (Agius vs Debattista PA 6/11/1995).

L-istess jista' jinghad ghal dak li jirrigwarda il-***konsum personali***. L-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra dan l-aspett reali tal-hajja bhal li kieku Carmen Turner tul hajjitha ma kienet sejra tonfoq xejn. Ir-realta` tal-hajja hija li wiehed jonfoq il-maggjor parti tad-dhul tieghu, partikolarment meta dan id-dhul ikun wiehed baxx, kif fil-fatt kien id-dhul tal-vittma li dak iz-zmien kienet tahdem bil-paga minima. Huwa fatt maghruf ukoll illi l-guvintur tal-lum ifaddlu ftit li xejn mill-paga taghhom u li jibdew ifaddlu meta jaslu biex jizzewgu. Ghalhekk il-probabilita` hija li Carmen Turner ma kienet tfaddal xejn mill-paga taghha. Id-decizjonijiet tal-Qrati taghna dejjem ikkonsidraw dan l-aspett u dejjem naqsu persentagg ta' bejn 25% - 33% ghall-konsum personali tad-decujus.

Ta' min johrog id-distinzjoni bejn il-mewt (li hi ekwiparata ghal dizabilita` totali) u d-dizabilita` ta' 100% (bhala p.e. minn jigi ridott ghall-hajja f'wheelchair b'telf assolut tal-fakolta` mentali). Dak li jmut ma jikkonsma xejn izjed, izda din jibqa' totalment inkapacitat irid xorta jibqa' jigi sostnut u jrid ikollu min idur bih. Dak huwa kaz, mela fejn id-dizabilita` l-istess ta' 100% ma twassalx ghall-istess sitwazzjoni meta jigu valutati d-danni. Fil-ligi, il-kwantifikazzjoni tad-danni ma ghandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid thares lejn dak li jitlef minn jigi 'l quddiem u javvanza pretenzjoni. Il-ligi taghna ma tpoggix prezz fuq id-decujus u tara min sejjer jikkonkorri ghal dak il-quantum. Il-konkorrenza li jsir

ghandha bazi; dik li … jersaq 'il quddiem irid jipprova x'tilef minhabba l-event dannuz.

L-Ewwel Qorti ordnat li jithallsu l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni (28/01/1994) fir-rigward tas-somma likwidata mill-istess Qorti. Dan il-kuncett anomalu u fil-kamp ta' danni u jekk jigi accettat sejjer iwassal ghal hafna incertezzi u modalitajiet. Infatti, jinghad bir-rispett kollu kif u minn meta jithallsu b'lura mghaxijiet ma tista qatt tkun materja a diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. Jigi sottomess illi hija prattika kostanti li, meta ma jkunx kaz ta' hlas ta' somma determinata l-imghaxijiet jghaddu mid-data li ssir il-likwidazzjoni u ghalhekk mid-data tas-sentenza u u mhux mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni jew xi data ohra imprevedibbli. Dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, iwassal sabiex l-atturi jiehdu vantagg indebitu.

Anki mill-aspett ekonomiku biss bl-ammont ta' Lm71,136.00 li gie likwidat mill-Ewwel Qorti, l-atturi hadu vantagg u bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti ma taghmel l-ebda sens, billi jekk wiehed jaccetta li l-medja ta' dhul ta' Carmen Turner kien sejjer ikun kull sena ta' Lm3,120.00, il-fatt li l-atturi jistghu jiddepozitaw l-ammont ta' Lm71,136.00 f'Bank lokali bir-rata ta' imghax ta' 5% fis-sena, id-dhul taghhom sejjer ikun ta' Lm3556.80 fis-sena, u cioe` Lm436.80 aktar milli kienet iddahhal Carmen Turner.

Carmen Turner ma kinitx 'breadwinner', hija hadmet 'on and off', id-dhul taghha kien il-paga minima. Bhal tfajliet ohra ta' dik l-eta` kellha prospetti ta' zwieg u hajja ghal kollox indipendenti mill-membri tal-familja taghha li llum qed jitolbu kumpens bhala eredi taghha.

Kif intqal mill-**Imhallef Wrangham** fil-kawza **Piggott vs Fancy Wood Products** (Leeds Assizes 31/1/1958),

*"The question, which I have to determine, is what financial loss the father and mother of this young man have suffered by reason of his death. If I were allowed to award damages to them that could in any way compensate them for what they have suffered, the*

*damages would be very large indeed. Nothing that I am about to say is intended for a moment to suggest that their loss is not one beyond assessment, but I am not concerned with their real loss at all – I am only concerned with the question:*

*How much in mere hard cash, or rather in the prospect of hard cash in the future, can they be said to have lost?"*

Ghaldaqstant il-konvenut appellant talab li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar, 1998, billi (1) tikkonfermaha in kwantu sabet responsibilita` ghall-incident sew f'Carmen Turner kif ukoll fil-konvenut, izda l-htija ta' Carmen Turner ghandha tkun f'persentagg realistiku u aktar minn 5% (2) tillikwida ammont ta' danni ferm izghar minn dak likwidat fis-sentenza appellata u b'mod li tkun konformi mal-ligi u takkorda lid-danneggjat risarciment ta' danni veri u reali kif tiddisponi l-ligi u dana fid-dwal tal-gurisprudenza accetta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-INTERVENUT FIL-KAWZA DOTTOR LOUIS BIANCHI NOMINE</u>**

9. L-intervenut fil-kawza wiegeb hekk:

Illi huwa ma jaqbilx mas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti billi dina ma kkunsidratx ic-cirkostanzi kollha li wasslu ghal dan l-incident, u partikolarment il-fatt li Carmen Turner poggiet ruhha f'qaghda vulnerabbli meta hija flimkien ma' Doreen Fenech poggew fuq hogor Terry Sciberras, il-passiggier fil-vettura tal-konvenut, <u>liema vettura fuq quddiem kellha post ghall-passiggier wiehed biss</u>. Kien proprju ghalhekk li hija garbet griehi ta' natura serja li wasslu ghall-mewt taghha. L-ewwel Qorti attribwiet lil Carmen Turner kontribuzzjoni ta' hamsa fil-mija biss (5%), izda fil-fehma ta' l-esponenti l-kontribuzzjoni ta' Carmen Turner kienet ferm aktar.

L-istess Qorti wkoll naqset li tikkonsidra l-fatt illi Carmen Turner f'ebda hin ma talbet lil Francis Agius biex inaqqas l-ispeed tieghu jew li tinzel mill-istess vettura, u dana

nonostante l-fatt illi huwa kien beda isuq b'mod mhux bil-ghaqal malli telghu fil-vettura tieghu. Din l-attitudni da parti ta' Carmen Turner tista' tigi interpretata bhala approvazzjoni tacita tal-mod ta' sewqan ta' Francis Agius, u ghalhekk tista' tigi ikkonsidrata bhala kontribuzzjoni ghal qaghda vulnerabli li poggiet ruhha fiha l-istess Carmen Turner.

L-istess l-Ewwel Qorti wkoll meta kkalkolat in-numru ta' snin ghall-"multiplier" ma haditx konsiderazzjoni tal-fatturi ohrajn (the chances and probabilities of life) li setghu b'xi mod iwasslu ghal numru ta' snin ferm inqas, bhala ma huwa per ezemplu l-fatt li l-istess Carmen Turner setghet tizzewweg jew anki li setghet tmut mewta naturali. Konsiderazzjoni li l-Qrati taghna dejjem ikkonsdraw.

Fatturi ohrajn li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx u li ghalihom normalment isir tnaqqis fil-kalkolazzjoni ta' likwidazzjoni ta' danni, kienu:-

(1) il-konsum personali ta' Carmen Turner tul hajjitha – dan il-fattur mhux biss huwa rikonoxxut mill-Qrati taghna, imma wkoll f'diversi pajjizi.

*"If the victim dies, in Germany, Belgium, Norway, the United Kingdom and Switzerland, compensation is based on an assessment in concerto taking into account the victim's earnings, his/her share of personal consumption and the age of the children"* (vide The Principles Governing Compensation for Bodily Injury in Europe – Page. 11)

(2) dak li huwa maghruf bhala 'the degree of dependency' tal-mejta. Mod imut missier b'mara u tfal u mod tmut xebba, li l-eredi taghha huma l-genituri taghha u hutha. Il-Qrati taghna dejjem ikkonsidraw tnaqqis minhabba d-degree of dependency – l-Ewwel Qorti injorat din il-konsiderazzjoni ghal kollox.

Anki dwar il-kwistjoni ta' l-imghaxijiet, l-Ewwel Qorti kienet zbaljata, u dana billi l-Qrati taghna fejn l-ammont mitlub ikun ammont 'da likwidarsi' dejjem jikkalkolaw l-imghaxijiet

mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kif ghamlet l-Ewwel Qorti.

Illi, ghalhekk, l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghar-Rikors ta’ l-Appell tal-konvenut u jaghmel tieghu dawk is-sottomissjonijiet, qed jiddikjara illi qed jaqbel ghal kollox mos-sottomissjonijiet li saru mill-appellant u qed jitlob bir-rispett li dina l-Qorti joghgobha tirriforma l-ewwel sentenza bil-mod kif qed jissuggerixxi l-appellant, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**IR-RISPOSTA TA’ ANTHONY U MARTU MARGARET TURNER ET**

10. L-atturi appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza moghtija fis-17 ta’ Frar, 1998, mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili ppresjeduta mill-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo hija gusta u timmerita konferma in toto.

Illi dwar il-kwistjoni ta’ responsabilita` l-istanti jidhrilhom li l-provi huma skjaccanti u a skans ta’ ripetizzjoni jaghmel ampja referenza ghan-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu gja` inserita in atti.

Illi pero` dwar il-kwantum ta’ danni, l-esponenti, filwaqt li jaqblu pjenament mal-mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti kkomputat l-istess, jidhrilhom li ghandhom jaghmlu s-segwenti osservazzjonijiet in kontro-trattazzjoni ghall-osservazzjonijiet maghmulha mill-konvenut appellat.

**Il-Quantum tad-Danni**

Illi qabel xejn irid jigi rilevat li d-decujus kellha biss 17-il sena u kienet gja` tahdem u gja` kellha paga minima. Ghalhekk konsiderando kollox kien ekwu li l-Ewwel Qorti “arbitro buona viri” ibbazat il-*lucrum cessans* fuq qliegh ta’ Lm60 fil-gimgha. Dan huwa vicin il-paga minima u ma jinkludix il-bonus.

**Lucrum Cessans**

Illi l-Qrati taghna stabbilew illi skond statistika nazzjonali bniedem jghix sa almenu sebghin sena (70) u li bhala hajja lavorattiva ghandu sa wiehed u sittin sena (61) 'less' l-eta` tal-vittma.  L-esponent jiehu okkazzjoni jirreferi ghas-segwenti gurisprudenza li tikkonferma dan il-principju.

***Vincent Debrincat u Maryrose, mart Joseph Vella*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu, 1992.

***Carmelo Xuereb u Tarcisio Camilleri*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu, 1992.

***Agius vs Galea*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-11 ta' Lulju, 1990.

***Kevin Agius vs Colin Murphy noe*** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-23 ta' Marzu, 1990 u mhux appellata.

***Joseph Meli et vs Captain Edward sive Teddy Cachia*** deciza mill-Qorti Prim' Awla fil-21 ta' Novembru, 1994.

***Emanuel Agius vs Mario Borg*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar, 1995.

***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar, 1995.

***Joanne Agius vs Mario Saliba*** deciza fil-31 ta' Jannar, 1995, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

L-argumenti tal-Qrati huwa li f'Malta l-eta` pensjonabbli hija ta' wiehed u sittin sena (61) u bniedem huwa meqjus li jibqa' jahdem sakemm jilhaq dik l-eta`.  Dan huwa argument gust ghax inkella bniedem li jkorri ta' sittax-il sena, sa jkun trattat bl-istess multiplier bhal bniedem li jkollu per ezempju erbghin sena, kieku kellna nsegwu l-principju fil-kawzi antiki bhal "*Butler vs Heard*".

Ghalhekk per ezempju fil-kawza *Vincent Axisa vs Alfred Fenech et* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' April, 1991, minn liema kawza ma kienx hemm appell.  Il-

Qorti uzat multiplier ta' tmintax-il sena (18) ghaliex l-atturi f'dik il-kawza kellu tnejn u erbghin (42) sena. Fil-fatt, il-Qorti qalet is-segwenti:

"Hi tal-fehma li m'ghandhiex tkun marbuta ma' decizjonijiet li jillimitaw il-"life expectancy" sa massimu ta' ghoxrin (20) sena. Dan jista' jkun u fil-fatt hu ppruvat li kien f'certi kazijiet estremament ingust. Hu ovvju per ezempju li mhux gust illi tillimita l-hajja lavorattiva ta' guvni ta' tmintax-il sena (18) ghal dan il-massimu. Dan ghaliex fir-realta` tal-hajja, il-midrub ikollu possibilita` kbira li jissupera dan il-limitu ta' eta` fittizja."

F'dan il-kaz meta gara l-incident fatali, d-decuis kellha 17-il sena. Kellha allura aspettativa massima ta' hajja lavorattiva ta' 41 sena. Hu xieraq allura illi konsidrat l-eta` zaghzugha ta' din Turner jittiehed kont ta' l-incertezza tac-"chances and changes" tal-hajja u tifhem illi l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-Qorti ta' l-Appell li tekwipara l-'years purchase' mad-differenza ta' l-eta` bejn meta jigri l-incident u l-eta` pensjonabbli ghandha treggi l-aktar meta d-danneggjat ikun ta' certa eta` li wiehed ragjonevolment jistenna li ghandu jtemm fir-kors shih tal-hajja lavorattiva tieghu sakemm jirtira. Mhux allura massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma jippermetti temperament anke jekk marginali fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul hafna u l-incertezza ferm akbar.

Ghalhekk l-esponenti sejra tibbaza l-kalkoli taghha fuq arc ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena. Ghalhekk kien ghaqli li l-Ewwel Qorti ibbazat il-kalkoli taghha fuq arc ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena.

Illi jigi rilevat fl-umli opinjoni ta' l-esponenti li mis-somma m'ghandhiex titnaqqas 20% lump sum u dan ghaliex galadarba l-vittma kellha biss 17-il sena, il-possibilita` hi li l-paga tieghu kienet matul il-hajja lavorattiva taghha tizdied. Ghaldaqstant kif jista` wiehed inaqqas mis-somma globali 20% fuq premessi li din-somma qed tithallas "lump sum" minn meta l-paga li kienet taqla' tul hajjitha kollha. Haga ferma improbabbli stante li l-paga li

taqla’ zgur se tizdied fi zmien 41 sena, tul il-hajja lavorattiva taghha.

Illi l-esponenti jghidu wkoll li l-cost tal-hajja dejjem toghla u l-possibilita` li l-flus jigu zvalutati minhabba l-kors taz-zmien li fuqhom l-attur jaghmlu l-kalkoli taghhom huwa argument iehor biex isahhah it-tezi ta’ l-atturi li t-20% “lump sum” m’ghandhiex titnaqqas.

Illi di solitu din is-somma ta’ 20% “lump sum” payment titnaqqas meta d-danni pagabbli jigu transatti bonarjament barra mill-Qorti jew f’qasir zmien. Il-kaz in ezami pero` ghadu ghaddej u fil-fatt ghaddew erba’ snin u nofs mid-data ta’ l-incident.

Ghandu jigi rilevat illi fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili ta’ l-4 ta’ Gunju, 1992, fl-ismijiet *Anthony Callus vs George Griscti*, l-Qorti qabblet mar-rapport tal-perit legali fejn issottometta li din il-lump sum ma ghandhiex titnaqqas stante li l-proceduri legali ghadhom pendenti.

Illi dan il-kont huwa korroborat fis-sentenzi moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta’ Jannar, 1995, fl-ismijiet *Joanna Agius vs Mario Schembri* fejn is-somma tnaqqset b’10% u *Emanuel Agius vs Mario Borg* deciza fil-31 ta’ Jannar, 1995, fejn is-somma tnaqqset b’10% u *Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna* deciza fil-31 ta’ Jannar, 1995 fejn is-somma tnaqqset b’14%.

Fil-kawza *G. Borg vs Carmelo Gatt* deciza fid-29 ta’ April, 1994, l-Imhallef qal “*Tenut kont ic-cirkostanzi specjali, irriduciet biss 10% mil-lump sum.”*

Fil-kaz in ezami, Turner kienet taqla’ paga minima pero` l-esponenti m’humiex tal-fehma li din is-somma ghandha tigi likwidata fuq din il-paga minima nazzjonali u dan ghal zewg ragunijiet:

(a) Billi hu generalment rikonoxxut li l-paga minima nazzjonali hija ‘barrier’ jew limitu li l-ebda ‘employer’ ma jista’ jwarrab. Din il-paga minima tiggarantixxi introjtu minimu ghal gimgha xoghol ta’ ‘lower wage earner’ izda

hu notorju li l-impjiegi attwali joffru remunerazzjoni oghla mill-'minimum wage'.

(b) Ma nghata l-ebda konsiderazzjoni ghal effetti ta' inflazzjoni fuq il-prezunt introjtu futur tad-decuius. Id-danni qed jigu komputati fuq firxa ta' 41 sena. Matul dawn is-snin huwa mistenni li l-pagi jgholew biex izommu parita` ma' l-gholi tal-hajja. Ghalhekk mhux realistiku li taqbad figura li tista' tkun tirrifletti introjtu gust fil-mument li jigu likwidati d-danni u tapplika dik il-figura ghall-perjodu kollu konsidrat.

Tenut kont ta' dan li ghadu kemm inghad, l-esponenti sejra tikkomputa dawn id-danni ta' lucrum cessans a bazi ta' paga ta' Lm60 fil-gimgha.

Lm60 X 52 X 30 = Lm93,600.

F'kaz li l-Qorti jidhrilha li ghandha titnaqqas is-somma ta' 14% bhala lump sum, is-somma ghandha tkun imnaqqsa b'Lm13,104 u ghalhekk tigi Lm80,496.

Dwar it-tnaqqis ta' 'personal consumption', l-esponenti tirreferi din il-Qorti ghal *Josephine Desira vs Joseph Cassar* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar, 1994, fejn il-Qorti ma naqset l-ebda persentagg ghal dan il-ghan u ghalhekk id-danni reklamati kienu dawk rizultanti minghajr tali riduzzjoni.

**Dwar il-kwistjoni ta' "degree of dependency"**

In effetti fuq din il-materja nsibu li l-istess konvenut qajjimha wkoll in via di eccezzjoni, b'hekk ha l-kwistjoni in extremis fis-sens li qed kwazi jippretendi li ma ghandu jigi likwidat xejn bhala danni.

Illi in effetti, ghandu jigi rilevat li l-kwistjoni ta' likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, zviluppat tramite gurisprudenza nostrali u ghadha qed tizviluppa minn zmien il-kawza ben nota ta' *Butler vs Hurd* pero` minn dak iz-zmien 'l hawn sar hafna kambjament fl-attitudni tal-Qrati taghna.

Fil-fatt ghandu jinghad pero` li l-kwistjoni tal-grad ta' dipendenza l-Qrati taghna ma kienux dejjem konsistenti.

L-Ewwel Qorti jidher li mxiet pass iehor f'dak li hu komputazzjoni ta' danni simili. Dan ghaliex b'tali ragunar kien ifisser li f'kazijiet ta' mewt, id-danni kienu qed jigu likwidati ferm inqas minn kawzi ohra fejn kien ikollok persentagg ta' dizabilita` biss, haga li ma taghmilx sens.

Bhala riassunt l-Ewwel Qorti enuncjat is-segwenti principji:-

1. L-atturi qeghdin ifittxu bhala aventi kawza tal-mejta u ghalhekk ghandhom l-istess drittijiet tal-vittma kieku baqghet hajja.

2. Id-"dependency issue" m'ghandhiex tidhol fil-materja, ghax l-atturi m'humiex qed ifittxu *iure proprio* imma bhala eredi tal-mejta.

**"Consumption"**

Anke hawn l-Ewwel Qorti, ma mxietx strettament mal-precedent pero` ghandu jinghad ukoll li qabel u ghal snin shah id-danni kienu jinhadmu dejjem fuq massimu ta' hmistax-il sena "life expectancy", wara bdew jinhadmu fuq massimu ta' ghoxrin sena "life expectancy" u issa d-danni jigu kompjutati fuq il-hajja lavorativa kollha sa wiehed u sittin sena. Anke l-kwistjoni tal-"lump sum payment", din mhix aktar haga awtomatika.

Mela nistghu nosservaw kif il-Qrati taghna minhabba l-fatt li ghandna biss danni materjali dejjem jippruvaw isibu formula aktar gusta u ekwa ai fini ta' likwidazzjoni ta' danni.

Il-Qorti hawnhekk elenkat is-segwenti principji:-

1. Id-dritt ghar-rizarciment tad-danni hu dritt patrimonju [recte: patrimonjali?] li jintiret bhall-ohrajn u ma ghandux ikun modifikat ghax jghaddi b'wirt ghand is-successuri.

2. L-Ewwel Qorti dejjem tissottolineja l-fatt li jekk nghidu mod iehor ikun ifisser li aktar jaqbillu min isuq hazin isuq ftit aghar sabiex il-konsegwenzi tas-sewqan hazin tieghu ikunu aktar serji sabiex il-vittmi joqtluhom minflok ikorruhom.

Aktar m'hu qed jghaddi z-zmien aktar ma s-socjeta` qed tigi ffaccjata mill-problema socjali kkawzata minn sewqan negligenti. Ic-cittadini ghalhekk jistennew anke 'judicial cognisance' ta' dan il-fatt u ghalhekk huwa ekwu u gust li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi tigi riaffermata minn din il-Qorti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

11. L-appell in ezami jikkoncerna talba ghal hlas ta' danni in konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li b'rizultat tieghu tilfet hajjitha persuna, Carmen Turner, bint l-atturi appellati. Fiz-zmien ta' l-incident din il-persuna kellha 17-il sena, kienet ghadha xebba, tghix flimkien mal-genituri taghha u impjegata bil-paga minima. L-atturi qeghdin ifittxu lill-konvenut ghad-danni billi huma jghidu li legalment kienu l-eredi tal-mejta.

12. In succint, dwar id-dinamika ta' l-incident huwa pacifiku li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni K-7689 kienet qeghda tinsaq mill-konvenut appellant, Francis Agius. Rekbin mieghu fuq 'il quddiem tal-vettura, kien hemm tlett passiggieri ohrajn, fosthom Carmen Turner. Din ta' l-ahhar kienet addirittura riekba fuq hogor il-passiggier Terry Sciberras. Il-vettura, Morris 1000 qadima, kienet qeghda tinsaq minn Triq San Pawl tal-Qlejja, limiti tal-Mosta, gejja mid-direzzjoni ta' l-Imgarr u sejra lejn il-Mosta. L-incident gara billi l-vettura baqghet diehla go arblu tad-dawl u bl-impatt, wiehed qawwi, tilfet hajjitha Carmen Turner.

13. Kif gja inghad supra, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat 95% tal-htija ghall-akkadut lill-konvenut Agius, attribwiet

htija kontributorja fi grad ta’ 5% lil Carmen Turner, u llikwidat id-danni fl-ammont ta’ Lm71,136.00c. L-ispejjez gudizzjarji kellhom jigu sopportati kwantu ghal ventesima parti ($^{1}/_{20}$) mill-atturi u r-rimanenti dsatax-il parti minn ghoxrin ($^{19}/_{20}$) mill-konvenut appellant.

Tajjeb li jigi hawn innutat li fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji, wiehed legali u l-iehor tekniku, kienu llikwidaw b’kollox in linea ta’ danni dovuti lill-atturi, l-ammont ta’ Lm18,720. Jinghad ukoll li filwaqt li l-perit tekniku kien tal-fehma li kien hemm kontributorjeta` da parti tal-passiggieri rekbin fiha billi l-vettura ma kellhiex post ghal aktar minn zewg persuni, u mhux erbgha, il-perit legali deherlu, u hekk ikkonkluda, li l-htija kellha xorta wahda tinxtehet interament fuq ix-xufier, jigifieri il-konvenut appellant Francis Agius.

14. L-appell tal-konvenut jikkoncerna zewg aspetti tad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-ewwel grad, igifieri

(i) Ir-responsabbilta` ghall-incident de quo;
(ii) Il-likwidazzjoni tad-danni.

**<u>L-AGGRAVJU DWAR RESPONSABBILTA`</u>.**

15. Dwar dan l-aggravju l-konvenut appellant jissottometti li l-kontributorjeta` ghas-sinistru f’percentwal ta’ hamsa fil-mija (5%) iffissat mill-Qorti riferibbilment ghall-agir ta’ Carmen Turner kien wiehed baxx wisq.

Mill-provi jirrizulta li Carmen Turner ghazlet li tpoggi fuq quddiem, anzi fuq hogor Terry Sciberras. Fuq quddiem suppost li kien hemm biss post ghal tnejn, jigifieri ghax-xufier u ghall-passiggier wiehed. L-appellant jissottometti li l-ghazla ta’ Turner li tirkeb u tpoggi fil-vettura kif inghad ikkontribwiet “ferm aktar ghall-griehi serji li (hija) garrbet li konsegwentement wasslu ghall-mewt taghha.” Skond l-appellant il-percentwal moghti mill-ewwel Qorti ghall-agir inkonsult tal-vittma kien wiehed “negligibbli”, ghar-raguni li l-agir ta’ Turner kien “juri nonkuranza assoluta ghall-inkolumita` taghha stess.” Hu jirreferi ghall-principji li “volenti non fit iniuria”. Ghalhekk l-appellant isostni li l-ewwel Qorti zbaljat f’dik li hija proporzjonalita` ta’ htija kontributorja.

16. Din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dan l-aggravju u ezaminat mill-gdid il-provi. Tosserva fl-ewwel lok li l-appellant m'huwiex qieghed isostni, kif originarjament eccepixxa, li hu ma kienx jahti ghall-incident, imma li l-kontributorjeta` ta' Turner kienet fi proporzjon akbar minn kif deciz mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tinnota wkoll li fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali deherlu li, minkejja li l-perit tekniku kien ta' fehma diversa minn dik tieghu, skond hu l-konvenut kellu xorta wahda jwiegeb hu unikament ghall-incident _de quo_. Fi kliem iehor, il-perit legali ma rraviza xejn talment censurabbli f'dak li ghamlet Carmen Turner biex tigi attribwita lilha xi parti mill-htija ghas-sinistru.

17. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi, assolutament ma tistax tikkondividi r-ragjonamenti ta' l-appellant konvenut biex dan juri li l-htija kontributorja ta' Carmen Turner kienet akbar minn kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Ghall-kuntrarju, hemm provi skjaccjanti li juru li kienet l-imprudenza, in-non-kuranza u s-sewqan sperikolat da parti tal-konvenut li kienu l-kawza prossima ta' l-incident. Jirrizulta mhux biss li l-konvenut rikkeb passiggieri fuq quddiem aktar minn dak konsentit, mhux biss saq il-vettura b'mod hazin, perikoluz u bi "*speed*" eccessiv imma li sahansitra ghamel uzu minn "*van pick-up*" li fil-fehma tal-perit tekniku, oltre li kellu fuqu aktar minn hamsa u ghoxrin sena servizz kien "fi stat deplorevoli u mhux tajjeb ghal fuq it-triq". Kuntrarjament ghal dak li pprova jissuggerixxi l-appellant fil-kors tal-kawza, il-habta, ossija l-fatt li x-xufier tilef il-kontroll tas-sewqan, ma kenitx dovuta ghal xi difett mekkaniku li nqala` imma kien attribwibbli invece ghas-sewqan hazin tieghu. Huwa minnu li t-tlett passiggieri li rikbu mal-konvenut urew nuqqas ta' prudenza jew ghaqal imma ghalkemm jidher li dawn irristringew xi ftit il-kontroll tax-xufier fuq is-sewqan tal-vann, <u>l-incident gara b'rizultat dirett tas-sewqan hazin</u> <u>tieghu</u>. Jista' jkun ukoll li seta' gara li bil-fatt li Carmen Turner kienet poggiet fuq hogor wiehed mill-passiggieri li dan il-fatt kompla kabbar il-possibilita` li din tkorri aktar gravement, imma jibqa' l-fatt li kien l-impatt qawwi tal-habta tal-vann ma' arblu tad-dawl li

kkaguna l-mewt taghha. Jinghad ukoll li, fil-bidu, Terry Sciberras lanqas kien ser jirkeb maghhom bhala passigier. Dan rikeb wara li z-zewg tfajliet kienu diga` fil-vann, fuq invit li sarlu da parti tal-konvenut. Fil-fehma kkunsidrata tal-Qorti, meta l-ewwel Qorti abbraccjat il-fehma espressa mill-perit tekniku u varjat, anke jekk f'margini minima, il-gudizzju dwar responsabbilta` billi akkollat hamsa fil-mija (5%) fuq is-sinistrata, dik il-Qorti mxiet b'mod gust u korrett u ma hemm lok ghal ebda varjazzjonijiet ulterjuri biex titkabbar ir-responsabbilta` kontributorja tal-mejta.

**DWAR IL-LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI**

18. It-tieni aggravju jirrigwarda l-*quantum* tad-danni likwidati mill-Qorti ta' l-ewwel grad li, kif gja gie osservat minn din il-Qorti, juri qabza notevoli (f'dak li hu ammont likwidat) bejn is-somma indikata mir-relatur gudizzjarji u l-ewwel Qorti. Din il-qabza ma kenitx dovuta ghal cifri dwar paga minima, eta` tal-vittma, il-"*multiplier*" applikabbli u fatturi ohra bazici li kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni bhala punt ta' tluq. Id-divergenza bejn ammont u iehor, invece, kienet principalment gejja mill-fatt li l-ewwel Qorti dikjaratament u volutament dehrilha li ghandha twarrab certi fatturi ohra li normalment kienu jitqiesu f'ezercizzji ta' din ix-xorta.

19. Dwar il-"*multiplier*", dato li l-vittma kien ghad ghandha biss 17-il sena, l-ewwel Qorti qablet li hu xieraq li dan ikun mifrux fuq perijodu ta' tletin (30) sena. Qablet ukoll mal-perit legali li bhala paga bazi tiehu s-salarju ta' sittin lira Maltija (Lm60) fil-gimgha, bazata fuq il-paga minima nazzjonali. L-appellati ma gabu ebda prova li l-vittma kellha xi sengha jew kwalifika specjali. Dan wassal ghas-somma globali ta' Lm93,600.

L-ewwel Qorti indagat imbaghad il-kwistjoni dwar l-hekk imsejha "*dependency issue*". Il-vittma kienet xebba u tghix mal-genituri taghha. Ma giex ippruvat li dawn il-genituri kienu jiddependu fuqha biex jghixu. Madankollu, l-ewwel Qorti dehrilha li eccezzjoni f'dan is-sens da parti tal-konvenut ma kellhiex tigi milqugha. Hu proprju minn hawnhekk li tibda d-divergenza notevoli fl-ammont

likwidat.  Skond l-ewwel Qorti d-"*dependency issue*" – li ghandu jirriduci, skond il-fehma tal-perit legali, b'zewg terzi ($^2/_3$) l-ammont globali ta' danni – ma kellux iqum. Skond l-ewwel Qorti, dan l-argument "ma jqisx il-fatt li l-atturi ma humiex qeghdin ifittxu *iure proprio* izda bhala eredi tal-mejta".  Din il-Qorti tapprezza l-validita` ta' dan il-punt legalistiku sollevat mill-Qorti, imma jekk wiehed ser jibbaza fuqu, hemm ukoll l-argoment kuntrarju li fil-mument tal-mewt il-vittma ma kellha ebda flus xi thalli lill-werrieta taghha.  L-ammont ta' Lm93,600 tirraprezenta projezzjoni futura u ragjonata imma fl-istess waqt wahda misthajla u kontingenti.  Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qeghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabilita` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha.  Huwa proprju ghalhekk li, gustament, il-perit legali hass li kellu japplika dan l-aspett ta' dipendenza u rriduca l-ammont "*da liquidarsi*".  Fir-ragjonament tal-perit legali, il-kompjant u  abili avukat Dottor Joseph M. Ciappara (ara para. 31 a fol. 17 tar-relazzjoni, a fol. 74 tal-process) ghamel analizi bis-sens u din il-Qorti jidhrilha, a differenza ta' l-ewwel Qorti, li l-ammont fuq imsemmi ghandu fl-ewwel lok jigi ridott ghal terz, jigifieri minn Lm93,600 jinzel ghal Lm31,200.  Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f'dan il-kaz taddotta linja ta' kalkolu differenti ghal fini ta' kumpens, minn kif gie stabbilit fil-maggoranza ta' kazi simili.  Tajjeb li jigi nnutat li fin-nota responsiva li giet sottomessa mill-parti appellata (ara fol. 98-101), ghan-nota ta' osservazzjonijiet li kienet giet sottomessa mill-konvenut, l-appellati ma kienu ssollevaw l-ebda kritika dakinhar dwar l-ammont li kien gie originarjament suggerit mill-perit legali.  Kulma ghamlu dwar id-danni, dejjem qabel il-prolazzjoni tas-sentenza, hu li fil-mori l-appellati atturi pprezentaw rikors u nota biex in linea ta' "*dannum emergens*" jitolbu addizzjonalment kumpens fl-ammont ta' Lm358, in linea ta' spejjez tal-funeral tal-vittma (ara fol. 92

sa 96 tal-process, u dokumenti Dok AT1 – AT2). Dan l-ammont lanqas ma jidher li gie meqjus mill-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni taghha.

20. Il-perit legali mbaghad, dejjem dwar l-ammont tad-danni likwidabbli, jaghmel zewg riduzzjonijiet ulterjuri. Naqqas 25%, jew kwart mis-somma, bhala rata ta' konsum misthajjel li l-vittma kienet "tiekol" jew "tonfoq" mill-kapital likwidat, u naqqas ukoll 20% ghall-fatt li kien ser ikun hemm hlas f'daqqa ("*lump sum payment*") lill-beneficcjarji. L-ewwel Qorti, filwaqt li qalet li kienet konsepevoli tal-fatt u "taghraf li meta tghid hekk tkun qeghda wkoll tmur kontra dak li tghid il-gurisprudenza", ma dehrilhiex gust u opportun li tirriduci l-ammont a bazi ta' "*self consumption*". Fl-istess waqt pero` accettat il-prassi l-ohra li stante hlas f'daqqa fis-sens ta' "*lump sum payment*" ghandu jsir tnaqqis f'percentwal ta' ghoxrin fil-mija (20%) kif irrelata l-perit legali.

21. Din il-Qorti, filwaqt li tapprezza l-argomenti li l-ewwel Qorti gabet biex timmotiva d-decizjoni li hadet dwar tnaqqis ghal fini ta' konsum fis-sens li timxi differentement minn kif evolviet il-gurisprudenza Maltija f'kazi simili, ma tikkondividix dan il-hsieb li jwassal biex igib strapp mhux gustifikat f'dik li hi prassi stabbilita fil-istess gurisprudenza. Jekk l-argument huwa li l-vittma potenzjalment kien ser ikollha somma a disposizzjoni taghha, parti minnha zgur kienet ser tigi minfuqa u ghalhekk isegwi li tnaqqis ikkalkulat f'percentwal ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) huwa wiehed realistiku. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ammont ta' Lm31,200 fuq imsemmi ghandu jonqos bi kwart, jigifieri jinzel ghal Lm23,400.00c.

22. Tibqa' biss l-ahhar riduzzjoni li saret, f'percentwal ta' 20%, minhabba "*lump sum payment*". Din il-Qorti tinnota li meta l-perit legali deherlu opportun li japplika dan il-kriterju dan ghamlu billi ha kont tal-fatt li (ara para.33, fol. 18 tar-relazzjoni, a fol. 75 tal-process),

"L-incident mertu ta' din il-kawza sehh fl-1 ta' Awissu, 1993. M'ghaddiex zmien esagerat minn dik in-nhar, u ghalhekk it-tnaqqis ta' 20% "*lump sum payment*" hu gustifikat".

Il-perit legali pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-20 ta' Awissu 1996 – igifieri madwar tlett (3) snin biss wara l-akkadut. L-ewwel Qorti applikat ukoll dan it-tnaqqis ghalkemm tat is-sentenza taghha fis-17 ta' Frar 1998, igifieri erba' snin u nofs wara l-akkadut. Sal-lum pero`, is-sena 2003, il-procedura baqghet tkarkar u qabzet ghaxar snin mid-data ta' l-incident (l-ahhar nota ta' l-atturi, b'kopja ta' sentenza annessa maghha, giet prezentata fit-13 ta' Gunju, 2002 – fol. 168). Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk dan it-trapass hu tant twil li ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' "*lump sum payment*". Illi ghalhekk ifisser li l-"*lucrum cessans*" qed jigi stabbilit ghal Lm23,400. Ma dan l-ammont irid jigi mizjud ukoll l-ammont ta' Lm355.00c0 in linea ta' "damnum emergens" li ghal xi raguni sfugga lill-ewwel Qorti pero` jirrizulta li huwa ammont gustifikat. Ghalhekk l-ammont finali u globali tad-danni huwa fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, seba mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm23,755) *li minnhom iridu jitnaqqsu 5% bhala l-kontribuzzjoni tad-decujus cioe` s-somma ta' Lm1187.75 li jgibu ghalhekk l-ammont komplessiv tad-danni dovuti lill-atturi fis-somma ta' Lm22567.25.* [1]

23. Finalment hemm aggravju iehor dwar l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma likwidata li skond l-ewwel Qorti ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Il-konvenut appellant invoka l-principju li "*in illiquidis non fit more*". Din il-Qorti, wara li kkunsidrat dan l-aggravju thoss li l-konvenut appellant ghandu ragun, pero` mhux kompletament. Huwa minnu li fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni u mill-mod kif dina giet ifformulata ma jistax jinghad li sa dak il-mument kien hemm interessi dekoribbli ghar-raguni li kollox kien ghadu kkontestat u illikwidat. Il-posizzjoni pero` ma baqghetx ghal kollox l-istess fil-mument li almenu nghatat is-sentenza appellata, igifieri fis-17 ta' Frar 1998. Minn dakinhar il-konvenut kellu ideja aktar cara tac-cifri involuti u ghalkemm huwa sa l-ahhar baqa' jikkontesta t-talbiet attrici fl-appell stess tieghu <u>irrikonoxxa</u> li parti mit-tort

[1] *Zieda bejn l-asterisk awtorizzata b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2004.*

ghas-sinistru kienet tieghu. B'danakollu ebda ammont ta' danni ma gie ddepozitat minn naha tieghu taht l-awtorita tal-Qorti biex jezimi ruhu mill-konsegwenzi legali li dan in-nuqqas jista' jgib mieghu. Illi ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-interessi f'dan il-kaz ghandhom jibdew jitqiesu b'effett mid-data tas-17 ta' Frar 1998, data ta' l-ewwel sentenza, sal-pagament effettiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata dwar responsabbilta` fis-sens li l-konvenut appellant ghandu jwiegeb ghal hamsa u disghin fil-mija (95%) tad-danni kagjonati bil-mewt ta' l-awtrici ta' l-atturi appellati u ghalhekk tichad l-ewwel parti ta' l-appell dwar responsabbilta`; tirriforma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad li d-danni li ghandu jwiegeb ghalihom il-konvenut huma ta' LM71,136 u fejn ikkundannatu jhallas din is-somma, billi tilqa' biss "*in parte*" l-appell tal-konvenut appellant u tirriduci l-ammont ta' danni likwidati u li ghandu jhallas il-konvneut ghall-ammont finali ta' ~~Lm23,755~~ *Lm22567.25 (tnejn u ghoxrin elf hames mija u sebgha u sittin Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu)*[2] kif fuq spjegat, u b'dan ukoll li l-imghaxijiet legali ghandhom jitqiesu mid-data tas-17 ta' Frar 1998 sal-pagament effettiv.

Fic-cirkustanzi, hemm ukoll il-htiega li l-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez tigi riformata minn kif deciz fl-ewwel istanza oltre li anke ghall-fini tat-tieni istanza hemm lok ghal temperament fil-kap ta' l-ispejjez. Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal erbgha kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-konvenut appellant u r-rimanenti kwinta parti ($^{1}/_{5}$) mill-atturi appellati, b'dan pero` li l-ispejjez ta' l-intervenut fil-kawza ghandhom jibqghu a kariku ta' istess intervenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] *Korrezzjoni bejn l-asterisk awtorizzata b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2004.*